**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Marzu, 2020

Rikors Guramentat numru: 243/17 AL

**A B C**
**(K.I. 0069592(A))**

**Vs**

1. **Dr. Dustin Camilleri u P.L. Gerald Bonello nominati permezz tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2018 bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lil D E F.**
2. 
3. **Dr. Victor Bugeja u l-P.L. Liliana Buhagiar li permezz tad-digriet datat 12 ta' Diċembru 2017 ġew nominati bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti T H M;**

4. **Dr. Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud li permezz tad-digriet datat 17 ta' Novembru 2015 ġew nominati bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-minuri Z H M li twieled fis-7 ta' Diċembru 2013;**

5. **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi, li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti żżewġet lil T H M fl-2009 fil-Libja mil-liema żwieġ ma tweldux ulied.

2. Illi minħabba l-gwerra ċivili fil-Libja, l-esponenti ħarbet mil-Libja fl-4 ta' April 2011 u ġiet Malta u ħalliet lil żewġha warajha fi Tripoli.

3. Illi f' Malta l-esponenti bdiet fl-2012 relazzjoni extra-matrimonjali ma' D E F, mil-liema relazzjoni twieled il-minuri Z fis-7 ta' Diċembru, 2013 fl-Isptar Mater Dei (ara ċertifikat tat-Twelid Dok A)

4. Illi t-tifel minuri msemmi ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bħala wild naturali ta' T H M u dan kif jirriżulta mill-istess Ċertifikat tat-Twelid Dok A u dan għalkemm l-istess T H M m'huwiex il-missier naturali ta' Z għax meta l-minuri kien ikkonċepit, l-istess T H M ma kienx Malta.

5. Illi l-missier naturali tal-minuri huwa D E F kif jirriżulta mit-test tad-DNA hawn esebit bħala Dok B.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi T H M m'huwiex il-missier naturali tal-minuri Z li twieled mir-rikorrenti fis-7 ta' Diċembru, 2013 fl-Isptar Mater Dei.

2. Tiddikjara illi D E F huwa l-missier naturali tal-minuri Z li tiwled mir-rikorrenti fis-7 ta' Diċembru, 2013 fl-isptar Mater Dei.

3. Tordna lill-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet neċessarji fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri Z billi fiċ-ċertifikat tat-Twelid tal-minuri Z bin-numru ta' iskrizzjoni tlieta wieħed ħamsa ħamsa tas-sena elfejn u erbatax (3155/2014) jiġi korrett fis-sens li fil-kolonna intestata "ismijiet mogħtija" il-kelma "Diamend" tiġi miktuba korrettament bil-kelma "Z"; fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa" il-kliem "Diamend H M" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Z D E"; fil-kolonni intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier" il-kliem "T H M" u "Keren Eritrea" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "D E F" u "Tseazega Eritrea"; u fil-kolonna

intestata "Isem u Kunjomu il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" il-kliem "H T (Alive)" jiġu sostitwiti bil-kliem "D E F (Alive)"

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Victor Bugeja u l-P.L. Liliana Buhagiar a fol 50 li permezz tagħha esponew:

1. Illi l-eċċepjenti m'humiex edott mill-fatti konnessi tal-kawża u għalhekk qegħdin jirriservaw li jwieġbu ulterjorment fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat ir-risposta tal-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a fol 51 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponenti teċċepixxi illi t-talba numru 3 (iżda enumerata bi żvista numru 2), fejn qed jintalab illi "*tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri Z billi fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri Z bin-numru ta' iskrizzjoni tlieta wiehed hamsa hamsa tas-sena elfejn u ebatax (3155/2014) jigi korrett fis-sens li fil-kolonna intestata '<u>Ismijiet moghtija' il-kelma 'Z' tigi miktuba korrettement bil-kelma 'Z'</u>; fil-kolonna intestata <u>'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha' il-kliem 'Z H M' ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem 'Z D E'</u>*", ma jistgħux jiġu kkunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti, stante li tali Qorti ma għandhiex il-kompetenza *ratione materie* sabiex tiddeċiedi rigward korrezzjonijiet fl-isem/ismijiet li persuna tingħata u li għandha tissejjaħ bihom fil-mument ta' dikjarazzjoni tat-twelid mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku;

2. Illi sussegwentament u in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta korrezzjoni kemm fl-okkju ta' din il-kawza u kif ukoll f'kull istanza li ssir referenza għall-isem tal-

minuri u dan fis-sens li isem il-minuri għandu jidher bhala ‘Z’ u mhux bħala ‘X’ stante li l-isem ta’ ‘Z’ ma jirriżultax mill-Att tat-Twelid li jġib in-numru 3155 tas-sena 2014;

3. Illi bla ħsara għal premess u in linea preliminari ukoll, jidher li hemm nieqsa ukoll l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f’liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista’ tipproċedi b’kawża ta’ denegata paternita’ ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f’dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b’din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta’ dan, f’ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m’hijiex edotta mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi fil-mertu, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma’ D E F u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat T H M, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha tindika fi premessa numru 5 illi diġa’ saru testijiet xjentifiċi. Fil-fatt l-istess test jinsab anness mar-rikors ġuramentat u huwa ukoll maħluf mit-tekniku Dr Marisa Cassar;

7. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut D E F, sabiex jippreżenta kopja awtentikata tad-dokumenti uffiċjali tiegħu u kif ukoll permezz ta’ nota d-dettalji personali tiegħu, li huma: (1) in-numru tal-karta tal-identita’, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta’ tiegħu meta twieled il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

8. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem T H M, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3155/2014;

10. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m' ghandiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Depuati Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Veronica Rossignaud a fol 68 li permezz tagħha esponew:

1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimata minnhom rappreżentanti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista għandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni rigward il-minuri.

2. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Depuati Dr. Dustin Camilleri u l-P.L. Gerald Bonello a fol 114 li permezz tagħha esponew:

1. Illi d-deputati kuraturi ġew hekk nominati permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 21 ta' Novembru 2018;

2. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f’każ u jekk jiġu edotti mill-fatti;

3. Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet kemm-il darba jirnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenut.

4. Illi l-esponenti qegħdin jitolbu minn issa l-indirizz u/ jew dettalji oħra li jista’ jkollu l-attur li permezz tagħhom jkunu jistgħu jikkuntatjaw lil F D E;

5. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti m’għandhomx noti u dokumenti x’jippreżentaw, kwindi jirriservaw d-dritt li jagħmlu dan fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-każ;

Salv risposta ulterjuri u/jew eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta’ dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-omm għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut T H M fir-rigward tal-minuri Z. Illi r-rikorrenti tikkontendi li għalkemm il-minuri ġie mnissel meta hija kienet għadha legalment miżżewġa lil T H M, il-minuri mhuwiex il-wild naturali tiegħu stante li minħabba l-gwerra ċivili fil-Libja, hija kienet ħarbet mil-Libja fl-4 ta’ April 2011, u ġiet Malta, ħalliet lil żewġha fi Tripoli l-Libja u sussegwentement fl-2012 hija bdiet relazzjoni extra-matrimonjali ma’ D E F, minn liema relazzjoni twieled il-minuri Z fis-7 ta’ Diċembru 2013. Għalhekk, hija qed tipproċedi b’din il-kawża sabiex jiġi mnizzel fl-att tat-twelid tal-minuri li T H M mhuwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, u jiġi reġistrat D E F bħala l-missier.

Illi kull referenza għall-"konvenut" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenuti, kif rappreżentati mill-Kuraturi Deputati, u mhijiex referenza għall-kuraturi deputati li debitament jirrappreżentawhom.

Provi:

Illi r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit[1] u qalet li hija żżewġet lill-konvenut T H M fil-Libja fl-2009, ma twieldux tfal minn dan iż-żwieġ. Fl-4 ta' April 2011 hija telqet mil-Libja minħabba l-gwerra u f'Malta hija bdiet relazzjoni mal-konvenut D E F u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Z fis-7 ta'  Diċembru 2013. Sussegwentement, D kellu jitlaq lejn l-Amerka għalkemm kien iddispjaċih li ħalla lit-tifel u lilha warajh.

Illi D E F xehed permezz ta' affidavit[2] u qal li fl-2012 hu kien iltaqa' ma' A, u wara ftit bdew igħixu flimkien bħala koppja u xehed li sa Frar 2014, meta hu kellu jitlaq lejn l-Amerka, kien l-unika raġel f'ħajjet A. Xehed li meta f'Diċembru 2013 A kienet ser twelled lit-tifel tiegħu hu kien hemm ħdejha, u sfortunatament wara ftit kellu jitlaq lura lejn l-Amerka peress li kien ġie msejjaħ biex imur jissettilja hemmhekk. Sussegwentement, kien reġa' ġie Malta biex jagħmel xi arranġamenti, peress li kien il-ħin kollu jaħseb f'A u f'ibnu, u meta kien hawn kien għamel it-test tad-DNA.

Illi XXXXXX xehdet permezz ta' affidavit[3],u qalet li hi ħabiba ta' A, u taf li D huwa l-missier naturali tal-minuri Z, u aktar ma jikber Z aktar qed isir jixbaħ lil missieru.

Illi YYYYYY xehdet permezz ta' affidavit[4] u qalet li hija kienet ħabiba ta' A u kienet tifrekwetaha meta A kienet tqila bil-minuri Z, u kienet anke ssajrilha ħafna drabi peress li A kien ikollha toqgħod ħafna drabi fis-sodda. Hija kkonfermat li  A u D kienu joqgħodu flimkien, hija kienet iżżurhom spiss u l-minuri Z huwa iben A u D.

Illi VVVVVV xehed permezz ta' affidavit[5] u qal li ilu jaf lil A, hu kkonferma li A u D kienu qed igħixu flimkien fl-Imsida, u meta A welldet it-tarbija, huma baqgħu igħixu flimkien bħala koppja sakemm D kellu jitlaq lejn l-Amerka.

---

[1] Fol 9 tal-process.
[2] Fol 11 tal-process.
[3] Fol 13 tal-process.
[4] Fol 14 tal-process
[5] Fol 15 tal-process.

Illi KKKKKK xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hija taf u tiftakar li A kellha relazzjoni ma' D u li kellhom lill-minuri Z. Hi kkonfermat li M, T H qatt ma ġie Malta.

Illi JJJJJJ, li kien xehed quddiem il-Qorti ta' reviżjoni Notarili, qal li minn meta telaq mil-Libja fl-4 ta' April 2011, meta kien hemm il-gwerra, qatt ma reġa' ra lill-imsemmi T H M, u xehed ukoll illi r-rikorrenti qatt ma telqet minn Malta.

Illi GGGGG xehed permezz ta' affidavit[6] u qal li hu kien ħabib ta' A u jaf li kellha relazzjoni biss ma' D, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Z, hu kien ħabib tagħhom it-tnejn, kien preżenti għall-magħmudija tal-minuri fejn D kien ippreżenta ruħu bħala l-missier.

Illi fl-ewwel lok, Il-Qorti rat li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ġiet iritirata, kif jirriżulta mill-verbal datat 23 ta' Ottubru 2019 (fol 131), u għalhekk din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjonu ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavolata mill-omm, u in vista wkoll li l-minuri ġiet imnissla fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lill-konvenut T H M, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili. Illi r-rikorrenti ma ressqitx it-talba tagħha fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija kif jirrikjedi l-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, ġiet mitluba l-awtorizżazzjoni biex jitkompla l-każ odjern, u din il-Qorti kienet laqgħet it-talba permezz ta' digriet datat 26 ta' Novembru 2019 (fol 143 tal-proċess). Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Illi fil-mertu, jirriżulta, li din il-Qorti tista tistrieh fuq it-testijiet ġenetiċi, li jistabbilixxu jekk il-minuri huwiex iben D E F. Fil-fatt, l-aqwa prova f'kawża bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi. It-test xjentifiku jelimina kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-prova miġjuba quddiem il-Qorti turi bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-minuri Z huwa l-wild naturali ta' D E F. Din il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tal-affidavits ippreżentati, u għalhekk, in vista tas-suespost, ma tara l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri, bis-saħħa tad-diskrezzjoni mogħti lilha mit-tieni proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qegħda tordna illi l-minuri Z ikun minn issa 'l quddiem magħruf bil-kunjom

[6] Fol 136 tal-process.

tal-konvenut D E. Għalhekk, tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

B'referenza għat-tielet talba, li kienet erronjament enumerata bħala t-tieni talba darbtejn, fit-talbiet kif dedotti, jiġi osservat, li din it-talba ġiet limitatament irtirata, u dan fejn intalbet il-korrezzjoni tal-isem "Z". Għalhekk, dan ser jiġi rifless fis-sentenza. Din il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tan-nota konġuntiva tar-rikorrenti u tal-konvneut D E F[7], li permezz tagħha qegħdin jaqblu li l-isem tal-minuri għandu jkun indikat bħala Z D E.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u mill-Kuraturi Deputati, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li T H M mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Z li twieled mir-rikorrenti fis-7 ta' Diċembru 2013.
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi D E F huwa l-missier naturali tal-minuri Z li twieled mir-rikorrenti fis-7 ta' Diċembru 2013. Tordna lid-Diretur tar-Reġistru Pubbliku inizzel l-konnotati kollha ta' D E F detentur tal-karta ta' identità` Amerikana numru 000030487128, li meta twieled il-minuri kellu tmienja u ghoxrin (28) sena imwieled l-Eritrea, iben D E F li kien għadu ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri.
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-minuri bin-numru ta' iskrizzjoni numru 3155/2014 fejn fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", il-kliem li għandu jitniżżel huwa "Z D E", u fil-kolonna "Isem u Kunjom tal-missier" l-isem T H M għandu jiġi sostitwit bil-kliem D E F, il-post tat-twelid tal-missier għandu jkun indikat bħala 'Tseazega Eritrea' minflok "Keren Eritrea", u fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet", il-kliem "H T (Alive)" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "D E F (Alive)".

Bl-ispejjeż inkluż tal-Kuraturi Deputati, kontra r-rikorrenti.

---

[7] Fol 139 tal-process.